**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 2 ta' Gunju, 2022**

**Talba Nru: 10/2022MD**

**Atlas Insurance PCC Limited (C-5601) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Christian Massare**

**vs**

**Gennaro Lanza**

## It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-10 ta' Jannar, 2022[1] permezz ta' liema s-socjeta` attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' disa' mija u hamsin Ewro (€950) rapprezentanti danni li garrab l-assikurat taghha Christian Massare in segwitu ghal perkolazzjoni ta' ilma mill-fond sovrastanti li jappartjeni lil konvenut; bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Gunju, 2021, debitament notifikata lill-konvenut, u bl-imghax legali b'effett mit-18 ta' Gunju 2021 sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghat-talba odjerna imma madanakollu deher r-rapprezentant legali tieghu ghas-seduta tas-17 ta' Mejju, 2022[2] u waqt tali

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-process.
[2] *A fol* 22 tal-process.

seduta rregistra l-ammissjoni tal-konvenut ghat-talba kif dedotta u dana kif konfermat permezz ta' nota pprezentata seduta stante.[3]

Ra u sema' l-qari tan-nota ta' ammissjoni tal-istess rapprezentant legali tal-konvenut pprezentata waqt is-seduta tas-17 ta' Mejju, 2022.

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra l-ammissjoni inkundizzjonata tal-konvenut, ipprezentata mir-rapprezentant legali tieghu, ghat-talbiet kollha imressqin fil-konfront tieghu mis-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, in vista tal-ammissjoni registrata mill-istess konvenut, qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta u konsegwentement jikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' disa' mija u hamsin Ewro (€950) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz tat-talba kif ammess mill-konvenut stess u dana bl-imghax ta' tmienja fil mija (8%) mit-18 ta' Gunju, 2021 sad-data tal-pagament effettiv, inkluzi l-ispejjez tal-ittra ufficjali datata 18 ta' Gunju, 2021 u bl-ispejjez tal-prezenti kawza kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Gudikatur**

[3] *A fol* 23 tal-process.